***Worksheet* Ċ6.1.2**
Diskussjoni tas-simboli li jirrappreżentaw l-Identità Maltija.

**A: Aqra, imbagħad wieġeb.**



Jekk naraw l-istampa ta' din il-knisja, żgur li ħafna tfal kapaċi jindunaw illi din hija l-knisja parrokkjali ta' Birżebbuġa. Mela l-knisja ta' Birżebbuġa hija simbolu, li meta narawh ifakkarna fir-raħal ta' Birżebbuġa.

Meta simbolu jkun marbut ma' lokalità waħda, dak is-simbolu ngħidulu SIMBOLU LOKALI. Xi simboli lokali li huma magħrufa iktar minn oħrajn, huma:

- Il-Mina ta' Hompesch f'Ħaż-Żabbar
- Il-Katidral tal-Imdina
- Il-Mitħna tax-Xarolla fiż-Żurrieq
- Id-Dar tal-Providenza fis-Siġġiewi
- Il-Ġonna ta' San Anton f'Ħ'Attard
- Il-Blue Lagoon f'Kemmuna
- Il-Buskett fir-Rabat
- It-Tempji tal-Ġgantija fix-Xagħra Għawdex.

**Wieġeb billi tagħmel sinjal taħt it-tajba jew timla l-vojt.**

1. Ikteb l-isem tal-belt jew raħal fejn toqgħod: _______________________________________________
2. Liema taħseb li hu s-simbolu lokali l-iktar importanti tal-belt jew raħal tiegħek?

   _____________________________________________________________________________________
3. Meta tara l-Mina ta' Hompesch tinduna li wasalt (Raħal Ġdid, Ħal-Luqa, Ħaż-Żabbar).
4. Kemmuna hija magħrufa l-iktar għall-(Ġgantija, Blue Lagoon, Buskett).
5. Ma tistax tmur ix-Xagħra u ma żżurx t-tempji (tal-Imnajdra, ta' Ħaġrat, tal-Ġgantija).
6. Il-Mitħna tax-Xarolla tfakkarna (fil-Gudja, fix-Xagħra, fiż-Żurrieq).
7. Meta nsemmu d-Dar tal-Providenza, awtomatikament insemmu r-raħal (tas-Siġġiewi, tal-Qrendi, tal-Imqabba).

**B: Għall-interess tagħna - Aqra u iddiskuti**.

1. Is-simboli tal-lokalità fejn ngħixu, għandhom importanza kbira għar-residenti tal-lokalità tagħna. Is-simboli jdaħħlu fina sens ta' identità.
2. Meta wieħed jibda japprezza l-lokalità fejn jgħix, x'aktarx jibda jħossu kburi bil-lokalità tiegħu u għalhekk jibża' aktar għall-ambjent; ngħidu aħna jibda jaħdem biex il-lokalità tinżamm iktar nadifa. Bla dubju, se jfittex li jitgħallem l-istorja tal-lokalità u jara li bl-imġiba tiegħu jagħmel isem tajjeb għal-lokalità tiegħu.

**Ċ: Aqra, imbagħad wieġeb**.



Fir-ritratt tidher il-pittura famuża tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann, magħrufa bħala l-Caravaggio. Hija pittura magħrufa mad-dinja kollha. Jekk tara *brochure* ta' xi aġent tal-ivvjaġġar li jkun qiegħed ibigħ vjaġġi għal Malta, probabbilment fuq il-*brochure* tara xi stampa ta' din il-pittura. Il-pittura qiegħda fl-Oratorju ta' ħdejn il-Konkatidral ta' San Ġwann. Jekk tgħaddi minn hemm, żgur tara kju bit-turisti li jkunu jixtiequ jidħlu jarawha. Għalhekk il-pittura tal-Caravaggio nistgħu nsejħulha **simbolu nazzjonali**. Meta tara lilha, żgur li tiftakar f'Malta.

Meta nitkellmu dwar simboli nazzjonali ma nistgħux ma nsemmux it-tliet siti Maltin li ġew iddikjarati Wirt Dinji tal-Umanità. Dawn huma t-Tempji Megalitiċi, l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni u l-Belt Valletta. Minħabba f'hekk dawn it-tliet siti qegħdin isiru iktar magħrufa madwar id-dinja.



Huwa importanti li ma nħalltux simboli nazzjonali ma' simboli uffiċjali. Il-Bandiera Maltija, l-Innu Malti u l-Arma ta' Malta huma **simboli uffiċjali**. Il-Konkatidral ta' San Ġwann, l-Ipoġew, it-Tempji Megalitiċi u l-Imdina huma **simboli nazzjonali**.

Kull pajjiż għandu s-simboli nazzjonali tiegħu. L-istampa fuq il-lemin turina l-Kolossew li jinsab ġewwa Ruma, fl-Italja. Meta tara l-Kolossew, żgur li tiftakar fil-belt ta' Ruma.

Fl-Eġittu nsibu l-Piramidi mibnija mill-Farawni. Miljuni ta' turisti jmorru l-Eġittu biex iżuru dawn il-Piramidi. Il-Piramidi huma simbolu nazzjonali Eġizzjan.



**Agħmel sinjal taħt it-tajba jew imla l-vojt.**

1. Il-Piramidi huma simbolu nazzjonali (Grieg, Taljan, Eġizzjan).
2. Il-Kolossew ifakkarna f'(Ruma, Pariġi, Ateni).
3. Meta naraw l-Istatwa tal-Libertà niftakru (fil-Kanada, fl-Istati Uniti tal-Amerika, fir-Russja).
4. It-Torri Eiffel qiegħed (l-Italja, l-Istati Uniti, Franza).
5. Il-pittura tal-Caravaggio hija simbolu (lokali, nazzjonali, uffiċjali).
6. Is-simboli nazzjonali jagħtu sens ta' (identità, prestiġju, qlubuja).
7. Liema tliet simboli nazzjonali Maltin huma meqjusa Wirt Dinji tal-Umanità?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

**D: Agħmel sinjal taħt dawk li jistgħu jitqiesu SIMBOLI NAZZJONALI Maltin**.

| | | |
|---|---|---|
| L-Imdina | It-Tempji Megalitiċi | Il-kompjuter |
| Wied Garnaw | Iċ-Ċittadella | Il-Kappella ta' San Niklaw |
| Ir-Rotunda tal-Mosta | Il-Belt Valletta | L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni |
| Is-Swar tal-Belt | Il-mowbajl | Ir-rota |
| Iċ-ċentupied | Il-kafè | Il-Bandiera Maltija |
| L-Innu Malti | L-Arma ta' Malta | Il-Konkatidral |